**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.**

**Ir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali u l-Marixxal Principali**

**vs**

**L-Avukat Dr. Jason Azzopardi**

Kawza numru: 4582/2025

**Illum 04 ta' April 2025**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra:

**L-Avukat Dr. Jason Azzopardi** bin-numru tal-Karta tal-Identita 0143871M[1],

**Akkuzat talli f**it-2 ta' Dicembru 2024 ghall-habta ta' 9:17am gewwa l-edifizzju tal-Qrati fil-Belt Valletta, kiser iz-zamma tal-bon ordni u gab ruhu b'mod mhux xieraq fil-Qrati tal-Gustizzja (Artikolu 68 tal-Kap 12) u kiser ir-regolament 26(1)(h) tar-Regoli Dwar il-Prattika u l-Prodecura tal-Qrati u l-

[1] Illi fl-ewwel seduta tad-09 ta' Dicembru 2024 a folio 3 tal-process gie registrat li "Dr Jason Azzopardi li x-xhud qed tirreferi ghalih huwa l-istess Dr Jason Azzopardi li qed jirrispondi ghal dawn l-akkuzi."

Bon Ordni meta gibed filmat tal-Onor. Prim Ministru ta' Malta Dr Robert Abela u l-Onor. Ministru tal-Gustizzja Dr Jonathan Attard, u dan minghajr il-permess tad-Direttur Generali tal-Qrati u tal-Prim' Imhallef, u inoltre' dan il-filmat gie mxandar pubblikament, u dan bi ksur tal-Artiklu 68 tal-Kap 12 u talli kiser ir-regolament 26(1)(h) tar-Regoli Dwar il-Prattika u l-Procedura tal-Qrati u l-Bon Ordni.

Il-Qorti giet mitluba sabiex jigi ikkundannat ghal xi piena minn dawk imsemmija fl-Artikolu 990 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti.

Semghet ix-xhieda.

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Il-Fatti fil-Qosor**

Illi gie a konjizzjoni tal-Kap Ezekuttiv tal-Agenzija tas-Servizzi tal-Qrati li kien qed jigi mxandar filmat tal-Onor. Prim Ministru u tal-Onor. Ministru tal-Gustizzja waqt illi kienu qeghdin fuq mejda fil-bini tal-Qorti wara li kienu attendew ghall-smiegh ta' kawza. Jinghad illi ma kienx inghata permess sabiex jittiehed tali filmat.

L-imputat gie akkuzat li kien hu li gibed tali filmat.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Ligi Applikabbli**

Il-ligi tipprovdi ghall-akkuzi migjuba kontra l-imputat taht is-segwenti Artikoli u cioe:

**Żamma tal-bon ordni fil-Qrati taht l-Artikolu 68 Kapitolu 9**

(1) L-uffiċjali eżekuttivi tal-Qorti maħtura għal dak il-għan mill-Ministru responsabbli għall-ġustizzja għandhom ukoll id-dmir li jżommu l-bon ordni u l-imġieba xierqa ġewwa l-edifizzju tal-qrati.

(2) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 72, kull uffiċjal bħal dan għandu jkollu, fil-limiti tal-edifizzju tal-qrati u ta' kull uffiċċju, bini jew fond ieħor okkupat mid-Direttur Ġenerali (Qrati) jew taħt is-sorveljanza tiegħu, is-setgħa li jwettaq dawk il-funzjonijiet, setgħat u dmirijiet kollha li skont il-liġi tista' twettaq il-Pulizija.

(3) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikoli 990 u 992, meta dak l-uffiċjal iżomm jew jarresta lil xi ħadd għal xi reat li jsir fil-limiti ta' edifizzju kif imsemmi fis-subartikolu ta' qabel dan, huwa għandu minnufih iġib lil min jikser il-liġi quddiem maġistrat filwaqt li jixlih bi ksur tal-bon ordni u mġieba mhux xierqa ġewwa l-edifizzju tal-qorti u jekk il-qorti, wara li tisma' l-każ sommarjament, issib lil dik il-persuna ħatja ta' ksur tal-bon ordni u l-imġieba xierqa ġewwa l-edifizzju tal-qrati, il-qorti għandha tikkundanna lil dik il-persuna għal xi piena msemmija fl-artikolu 990.

**LEGISLAZZJONI SUSSIDJARJA 12.09 REGOLI DWAR IL-PRATTIKA U L-PROCEDURA TAL-QRATI U L-BON ORDNI**

Taqsima XIII - Zamma tal-Bon Ordni fil-Qrati tal-Gustizzja

Zamma tal-bon-ordni. Kap. 12.26.(1) Hadd ma jista', taht il-pieni msemmija fl-artikolu 990 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili:

h) jiehu jew jipprova jiehu f'xi parti tal-bini tal-Qrati tal-Gustizzja ritratt fotografiku jew filmat b'kull mezz li jkun minghajr il-permess tad-Direttur Generali tal-Qrati u tal-Prim Imhallef;

**L-Artikolu 990 tal-Kapitolu 12** imbaghad jipprovdi ghall-piena u jaqra hekk:

F'każ ta' mġieba ħażina taħt l-aħħar artikolu qabel dan, l-imħallef jew maġistrat li lilu jmiss li jġiegħel li jinżamm il-bon ordni waqt is-seduti bil-miftuħ tal-qorti, skont l-artikolu 988, jista'jikkundanna lill-kontravventur –

(a) biċ-ċanfir;

(b) bit-tkeċċija mill-qorti;

(ċ) bl-arrest għal mhux aktar minn erbgħa u għoxrin siegħa f'lok ġewwa l-edifizju fejn il-qorti toqgħod;

(d) bl-ammenda jew bil-multa msemmija fil-Kodiċi Kriminali

**Ikkunsidrat:**

**Provi**

Mix-xhieda moghtja mis-Sinjuri Grech Fiorini jirrizulta li la hi bhala Kap Ezekuttiv Ewlieni tal-Qorti u lanqas is-S.T.O. Prim Imhallef Dr. Mark Chetcuti ma taw permess sabiex jittiehed xi filmat fil-Qorti fid-data tal-akkuza.

L-Editur ta' Net News jghid illi l-filmat kien gia qed jigi muri fil-media socjali u l-kamra tal-ahbarijiet gabitu minn hemmhekk.

Il-Marixxal Ewlieni jikkonferma li rcieva struzzjoni biex jigbor il-filmati mill-kameras tas-sigurta u jghaddihom lill-Kap Ezekuttiv tal-Qorti u hekk ghamel u wara ircieva struzzjonijiet biex jittiehdu dawn il-proceduri fil-konfront tal-imputat.

William Aquilina ipprezenta l-pendrive Dok AW bl-imsemmija filmati.

L-espert Keith Cutajar analizza l-istess filmati u provda numru ta' stills mill-istess.

Il-Ministru tal-Gustizzja jikkonferma li dakinhar flimkien mal-Prim Ministru u persuni ohra wara smiegh ta' kawza poggew fuq l-imsemmija mejda u wara hargu mill-Qorti.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti ghandha zewg footages jigifieri l-Qorti biex tasal ghal konvinċiment morali o meno dwar jekk il-prosekuzzjoni ghandiex raġun jew le, f'dawn il-proceduri japplikaw xorta l-principji fil-kamp kriminali u cioe f'kaz ta' htija trid tintlahaq il-prova l'hemm minn kull dubju dettat mar-ragun. Il-Qorti trid tara l-footages u tikkompara dawn iz-zewg footages. Mill-filmat preżentat fuq Net News ghalkemm dan il-filmat huwa ta ftit sekondi l-espert tal-Qorti niżżel numru ta' stills.

Mela ghandek l-istill numru 60 juri numru ta' elementi. Juri l-ewwel haġa lil persuna b'coat iswed, fartas, juri persuna fuq wara liebsa qalziet car minghajr ġlekk u juri l-glekk qieghed fuq il-mejda. Dawk huma tlett elementi li johorgu mir-ritratt immarkat numru 60. Jekk imorru issa ghar-

ritratt immarkat numru 63 jirrizulta li fuq l-mejda li kien hemm bil-qeghda fuqha l-Prim Ministru u l-Ministru Jonathan Attard ghandek żewġt irġiel u mara li skond ix-xhieda tal-Ministru Jonathan Attard, il-mara hija s-segretarja personali tal-Prim Ministru u fuq in-naha l-ohra ghandek tlett irġiel. S'issa ghalhekk biex nikkonfermaw l-elementi ta' dak il-filmat ghax ghandna r-ragel fartas bil-coat, ghandna r-ragel fuq wara bil-qalziet car, ghandna l-glekk fuq il-mejda u ghandna hawn hekk hames minn nies bil-qeghda u wahda minnhom mara.

Mir-ritratti mmarkat bhala 65 hemm element naqra differenti illi jidher gest partikolari minghand il-Ministru Jonathan Attard qisu qed jaghmel gest fuq il-mejda. Mela sabiex jirriżulta dak allegat mill-prosekuzzjoni, l-prosekuzzjoni trid tippruva dawn l-elementi, dawn il-hames jew sitt elementi. Il-filmat prezentat mill-espert fir-rapport tieghu, l-espert ippreżenta mill-bidu x'hin hargu l-Ministru u l-Prim Ministru, minn qabel minn filghodu sa x'hin eventwalment dawn is-sinjuri telqu minn hemm hekk.

L-unika mod kif dak il-footage hadu l-imputat jirrizulta hekk kif dawn l-elementi jissustissu kollha fl-istess hin.

Mill-istill numru 10 jirrizulta li l-imsemmija persuni jibdew jpoġġu bil-qeghda mal-mejda. Però ghalkemm jpoġġu bil-qeghda erba' minn nies, is-segretarja tal-Prim Ministru jew ghal mod tal-kelma l-mara kienet ghadha ma poggietx bilqeghda, mela hemmhekk dak l-element kien nieqes.

Fl-istill numru 24, 25 u 26 il-mara tqum bil-wieqfa hdejn il-Prim Ministru. Fl-istill 25 u 26 tpoggi bil-qeghda hdejn il-Prim Ministru. Mela hawn hekk issa ghandna l-elementi li jirrizultaw fil-filmat muri min-Net News. Pero l-elementi l-ohra ghadhom neqsin. Mela l-element tar-ragel fartas, l-element

tar-ragel b'qalziet car u l-element tal-gakketta fuq il-mejda u l-gest maghmul mill-Ministru Jonathan Attard f'dan l-istadju huma neqsin.

Mill-istills 31 u 32 jidher dak ir-ragel bil-qalziet ic-car illi l-ewwel darba li issa jidhol fix-xena, nehha l-gakketta u qieghed il-gakketta fuq il-mejda. Mela hawn hekk issa ghandna element iehor rikjest biex naghlqu l-istampa kollha.

Fil-fatt jekk inkomplu naraw 33 u 34 ghandna issa iktar car dan ir-ragel qed jistrieh quddiem il-mejda bil-gaketta fuq il-mejda.

Mir-ritratti mmarkati 38, 39 u 40 jidher Dr Jason Azzopardi li qieghed iktar il-gewwa quddiem il-bieb tal-awla prattikament. Jekk inharsu lejn Dr. Azzopardi mixi fl-istills 40 u 41 naraw lil Dr Azzopardi mixi lejn fejn kien dan il-persuna bil-coat iswed fartas, naraw lil Dr Azzopardi fil-41 kwazi wasal mal-koxxa tal-kantuniera b'xi haġa f'idejh probabilment il-mobile ghalkemm iktar il-quddiem jidher car. U dan ir-ragel qed jdur qed jiġi fil-pozizzjoni li jidher fil-footage preżentat ta' Net News.

Pero issa x'hin naslu ghal l-istill mmarkat 42 qieghed fl-istess pożizzjoni eżatta dan ir-ragel fejn jidher fuq il-footage ta' Net News. Mela ghandek lil Dr Jason Azzoaprdi qed jżomm device f'idejh li jidher li huwa mobile, qed naraw lill-ragel fartas bil-coat qieghed eżatt eżatt metru, metru u xi haġa zghira quddiem Dr Jason Azzopardi, qed naraw lir-ragel bil-kalziet ic-car fuq wara, qed naraw il-gaketta fuq il-mejda u qed naraw fuq il-mejda fejn qieghed bilqeghda l-Prim Ministru hamsa minn nies bil-qeghda tlett irġiel fuq naha, u zewg irġiel u mara fuq in-naha l-ohra. Hawnhekk il-Qorti tara, kif jghaddi eżatt Dr Jason Azzopardi fir-ritratt 43, ir-ragel li liebes il-coat il-fartas kif jghaddi Dr Jason Azzopardi diġà qed jinqala' minn postu. Fir-ritratt immarkat 43 u 44 Dr Jason Azzopardi ghadu ghaddej issa kważi quddiem il-mejda fejn hemm bilqeghda il-Prim Ministru. Issa jidher ukoll

l-gest li ghamel b'idejh il-Ministru Jonathan Attard fl-isfond kif jidher ukoll fir-ritratt immarkat bin-numru 65.

Jekk inharsu issa lejn ir-ritratt 45 Dr Jason Azzoaprdi qisu mexa, qabeż kważi jew qieghed in line mal-mejda, fir-ritratt 46 johrog mill-mejda. Fir-ritratt 46 ezatt kif hareg mill-istampa Dr Jason Azzopardi, ir-ragel fartas bil-glekk car ma ghadux fix-xena, dak ir-ragel li kien bil-qalziet car liebes il-coat u hareg minn go xena, iccaqlaq minn fuq il-post. Mela eżatt kif ghadda Dr Jason Azzopardi minn quddiem il-mejda, wiehed mill-elementi li jidher fuq il-footage ta Net News iċċaqlaq minn postu lanqas sekonda, u mal-ewwel wara iċċaqlaq it-tieni element.

Mir-ritratt immarkat bin-numru 51 jidher li issa il-Prim Ministru qam minn mal-mejda, fir-ritratt 52 u 53 jqum il-Ministru u jitilqu minn fuq il-post.

Fir-ritratt immarkat 54 jidher Dr Jason Azzopardi reggha ghaddej bil-kontra, però l-Ministru u l-Prim Ministru huma diġà bilwieqfa u qeghdin jiċċaqalqu minn fuq il-post.

L-elementi tal-filmat li gie preżentat fuq Net News kienu preżenti biss onsite fix-xena ghal sekonda, tnejn, tlieta. F'dik is-sekonda, tnejn, tlieta l-unika bniedem li jghaddi minn hemm hekk huwa Dr Jason Azzopardi. Ma jghaddi hadd aktar hliefu f'dawn il-ftit sekondi.

Illi l-Qorti tinnota wkoll illi l-angolatura ta' kif jidher il-filmat taqbel ma' angolatura ta' kif persuna zzomm mobile ma' widintha meta tkun se ccempel jew tirrispondi telefonata, kif jidher ukoll illi qed jaghmel Dr Azzopardi waqt illi ghadda minn magenb l-imsemmija mejda.

Id-difiza tikkontendi li l-prosekuzzjoni ma gabitx l-aqwa prova u li l-provi cirkostanzjali ma humiex bizzejjed f'dan il-kaz.

**Ikkunsidrat:**

**Gurisprudenza Applikabbli**

**Analiżi tal-ġurisprudenza f'pajjizna kif ukoll riferenza għal ġuristi Ingliżi li daħħlu fl-analiżi tal-'*prova ċirkostanzjali/indizjarja*'.**

1. Fil-każ fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v George Spiteri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn il-Qorti sostniet is-segwenti: '*Il-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda...biex prova indizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu u, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi*.'

2. Fil-każ fl-ismijiet **Pulizija v Paul Grech** deċiza ukoll mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' April tas-sena elfejn u wieħed intqal illi '*l-provi fil-kamp kriminali jistghu jkunu kemm diretti u kif ukoll indizjali, basta dawn ikunu sufficjenti biex inisslu konvinciment morali f'mohh il-gudikant lil hinn minn kull dubju ragjonevoli mir-reita' ta' l-imputat.*'

3. Fil-każ **Pulizija v James Abela** deċiża wkoll mill-Qorti tal-Appell fil-ħdax ta' Lulju elfejn u tnejn ġie ddikjarat illi '*In kwantu d-dottrina tar-"res ipsa loquitur" timporta xi spostament tal-oneru tal-prova, tali dottrina ma tista' qatt issib*

*post fil-kamp penali. In kwantu, pero', b' "res ipsa loquitur" wiehed jifhem biss li l-fatti - inkluzi provi indizjarji - "circumstantial evidence" - ikunu tali li l-gudikant ihossu moralment konvint li jista' jigbed certi konkluzzjonijiet minn dawk il-fatti, allura wiehed m'ghandux jitkellem dwar "res ipsa loquitur" izda dwar dak li fid-dottrina Ingliza jissejhu "presumptions of fact"....F'materja ta' incidenti stradali l-*provi *indizjarji hafna drabi jista' jkunu siewja ferm u xi drabi jistghu anki ikunu siewja ferm aktar minn dawk okulari li, kull tant jistghu ikunu biss soggettivi u kull tant, u x'aktarx iva milli le, ikunu kuluriti b'dak li jissejjah "esprit de voiture". Imbaghad fejn ma jkunx hemm xhieda okulari li jistghu jiddeskrivu jew jispjegaw dak li gara, dawn il-provi indizjarji, jistghu facilment u minghajr bzonn ta' hafna tigbid, jaghtu stampa cara tad-dinamika tal-incident. S'intendi, bhal kull prova indiretta ohra, iridu jkunu tali li jwasslu ghal konkluzzjoni univoka u li biha il-gudikant ikun moralment konvint lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mill-htija jew responsabbilta' kriminali tal-imputat jew akkuzat...hu dover tal-Qorti li tara jekk mill-assjem tal-provi cirkostanzjali jirrizultax b'mod li jkun sodisfatt il-konvinciment morali tal-gudikant sal-grad rikjest fil-process penali tirrizultax htija ta' sewqan hazin*'.

4. Fis-sentenża tal-Qorti tal-Appell Superjuri fl-ismijiet ir-**Repubblika ta' Malta v Angel sive Angelo Bajada** datata l-ħmistax ta' Mejju tas-sena elfejn u disgħa ġie ddikjarat illi '*L-assjem tal-provi kien tali li a bazi tieghu l-gurati setghu ragonevolment u b'konvinciment morali trankwill ghall-aħħar jaslu għall-*konkluzjoni *la ma jemmnux dak li qed isostni l-apppellant u jsibu li l-provi jwasslu inekwivokabbilment ghall-*

*ħtija tiegħu. L-indizji, biex jagħmlu prova, jeħtieg li jkunu univoċi'.*

5. Fil-kawza deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet "**Il-Pulizija versus Michael Ellul Vincenti**" fit-tlieta ta' Ottubru elfejn u tlettax, il-Qorti tal-Appell qalet "*Jinghad mill-bidunett li imkien fil-ligi ma tobbliga lill-Qorti illi hija tkun certa minghajr ombra ta' dubbju dwar htija o meno tal-akkuzat. Ic-certezza tinsab fir-ren divin u fl-akkuzat illi jaf cert x'gara u ma garax. Ghall-fini tal-gustizzja umana huwa bizzejjed illi dik il-prova tilhaq livell ta' minghajr dubbju dettat mir-raguni u cioé livell oghla mill-probabbli illi huwa bizzejjed biex jissodisfa xi tezi jew ohra tad-difiza.*"

6. Finalment il-Qorti tal-Appell Kriminali fit-8 ta' Mejju, 2014, fis-sentenza bl-ismijiet il-**Pulizija Vs Cyrus Engerer** irreteniet hekk: "*Huwa veru illi dan il-kaz hu principalment ibbazat fuq provi cirkostanzjali u biex dawn ikunu effettivi b'valur probatorju li wiehed jista' jorbot fuqhom, il-Qorti trid tkun sodisfatta illi dawn il-provi jippuntaw ghall-konkluzjoni wahda u wahda biss. Meta persuna tkun qieghda tikkunsidra biex taghmel reat din taghmel minn kollox sabiex tahbi l-operat u responsabiltà taghha ghal dak ir-reat u jista' jkollok sitwazzjoni fejn ma jkollokx xhieda okulari izda jkollok diversi indizji illi kollha jwasslu ghand l-akkuzat bhala l-unika persuna illi seta' kien fil-pozizzjoni illi jikkommetti r-reat inkwistjoni.*"

**Il-Ġuristi**

Illi jekk induru fuq ġuristi Ingliżi senjatament Pollock C.B[2] l-interpretazzjoni tal-apprezzament tal-prova ċirkostanzjali u t-tifsira tal-univoċita tagħha ingħatat is-segwenti deskrizzjoni: *It has been said that circumstantial evidence is to be considered as a chain, and each piece of evidence as a link in the chain, but that is not so, for then, if any one link broke, the chain would fall. It is more like the case of a rope comprised of several cords. One strand of cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be quite of sufficient strength. Thus it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere suspicion; but the whole taken together may create a conclusion of guilt with as much certainty as human affairs can require or admit of.*

**Aktar Gurisprudenza tal-Qrati Taghna**

**Il-Pulizija (Spettur Frank Tabone) vs John Vella** deciza fit-3 ta' Awwissu 2017 mill-Qorti tal-Appell Kriminali per S.T.O. Prim Imhallef Silvio Camilleri (App. Nru. 62/2016):

**16.** L-uniċi provi prodotti li jistgħu jinċidu fuq l-imputazzjoni ta' serq tal-mutur huma unikament ċirkostanzjali kif anki jidher mis-sentenza appellata. Din il-qorti, iżda, hi tal-fehma li l-indizji ċirkostanzjali ma humiex tali li jwasslu sabiex l-imputat jinstab ħati tad-delitt in kwistjoni mingħajr dubbju dettat mir-raġuni. Biex il-provi ċirkostanzjali jistgħu iwasslu għal sejbien ta' ħtija jridu jkunu tant elokwenti li l-interpretazzjoni loġika u naturali tagħhom neċessarjament u raġjonevolment twassal għall-prova fi grad sodisfaċenti ta' dawk il-fatti li jifformaw l-elementi tar-reat imputat. Ċioe' jridu jkunu univoċi u mhux ekwivoċi. (Pagna 8) Sottolinejar ta' din il-Qorti

[2] Criminal Evidence (3rd Edition) [1995], Richard May (Sweet and Maxwell Criminal Practice)

**Il-Pulizija (Spettur Michael Mallia) vs Yilmaz Azlan** (App. Nru. 438/2104) deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-19 ta' Gunju 2019 per Onorevoli Imhallef Consuelo Scerri Herrera inghad:

In the judgment in the names **Il-Pulizija v Joseph Gauci et**[3] the court held that:

*"Circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by undersigned coincidence is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics."*

In the case in the names **Il-Pulizija vs Gr]aham Charles Ducker**[4] the Court iterated that :

"*it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

It is the duty of the prosecution to bring forward the best evidence to be able to convince the court of the charges it has brought forward in that they subsist and that on the evidence brought forward the court is in a position to establish guilt of the accused. As explained by **Manzini** in his book entitled **Diritto Penale11**:-

"*il cosi' detto onero della prova, cioe' il carico di fornire, spetta a chi accusa* - *onus probandi incumbit qui osservit".*

[3] Moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Ottubru, 1998

[4] Moghtija mill-Qorti tal- Appell Kriminali-deciza fid-19 ta' Mejju, 1997

The Court also makes reference to another judgment in the names **Il-Pulizija vs Martin Mark Ciappara**[5] where the court explained what happens in those eventualities when it is faced with two conflicting theories as to what had happened. Two situations may arise either that the Court is of the opinion that the prosecution failed to prove its case on a level that is required by criminal law, and thus has to acquit the same accused or is morally convinced that the correct version of events is that put forward by the prosecution then it must convict and give the opportune punishment.

The court is guided by article 637 of the Criminal Code when appreciating the evidence given by a witness namely being that regard must be given to the demeanor, conduct, and character of the witness, to the probability, consistency, and other features of his statement, to the corroboration which may be forthcoming from other testimony, and to all the circumstances of the case. (Page 19 and 20)

**Il-Pulizija vs Kevin Psaila** (App. Nru. 234/2017) deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali per Onorevoli Imhallef Edwina Grima fejn gie ikkwotat is-segwenti:

Ukoll, skond is-sentenza fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta vs George Spiteri**[6] mogħtija mill-Qorti tal-Appell Superjuri nhar il-5 ta' Lulju 2002 ġie ddikjarat is-segwenti:

**Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika**

[5] Appell Inferjuri, per Onor. Imhallef Vincent Degaetano deciza 09 ta' Settembru 2002.
[6] Ippreseduta mill-Imħallfin Arrigo Noel V., Filletti Joseph A., Vella Patrick.

**jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.**

**L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova indizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova indizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubbju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.**[7]

**Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u interpretazzjoni tal-prova indizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha.**

Madankollu skond is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-ismijiet Pulizija vs Cyrus Engerer ġie ppuntwalizzat ukoll illi:

[7] Moghtija mill-Qorti tal- Appell Kriminali-deciza fid-19 ta' Mejju, 1997

**'...Biex wiehed jistabilixxi jekk l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita'.**[8] (Pagna 9 u 10)

**Il-Pulizija (Spettur Carmelo Magri u Spettur Joseph Mercieca) vs Pierre Buttigieg** (App. Nru. 27/2008) deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-17 ta' Settembru 2008 per Onorevoli Imhallef Joseph Galea Debono intqal:

Mill-banda l-ohra lanqas hu korrett l-appellant meta jghid fir-rikors tal-appell li: *"Fi kliem semplici irid ikun hemm aktar minn prova cirkostanzjali wahda."* Prova indizjarja wahda, jekk tkun univoka w ma taghti lok ghall-ebda spjegazzjoni ohra ghajr dik tal-htija tal-akkuzat, tista' tkun bizzejjed biex fuqha biss tinstab dik il-htija.

**Il-Pulizija vs Domenico Savio Micallef** (App. Nru. 409/2017) deciz fis-26 ta' Novembru 2019 mill-Qorti tal-Appell Kriminali per Onorevoli Imhallef Aaron Bugeja tenniet:

14. L-akbar sfida li jkollu kull Ġudikant hi li huwa jkun jixtieq dejjem jasal li jiskopri l-verita storika. Dan peress li l-evidenza li jkollu quddiemu

[8] Deċiża mill-Imħallef Michael Mallia nhar it-8.5.2014.

kemm dik diretta, kif ukoll u, *a maggior ragione*, dik indiretta, mhux dejjem neċessarjament iwassluh għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur għaliex il-Qrati mhux dejjem ikunu f'qagħda li jikxfu l-verita storika mix-xiehda tax-xhieda li jixhdu quddiemhom. U f'kull każ, il-Qorti ma għandhiex il-fakulta u s-setgħa li tidħol fil-profondita' tal-moħħ, qalb u kuxjenza tax-xhud li jkun xehed quddiemha b'mod li tkun tista' tistabbilixxi ċ-ċertezza assoluta ta' dak li jkun qed jaħseb u jgħid billi taqralu moħħu u qalbu.

15. Mill-banda l-oħra l-evidenza indiretta, dik li tistrieħ prinċipalment fuq iċ-ċirkostanzi u li tkun bażata fuq l-analiżi taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, għalkemm mhix giddieba, tista' tkun qarrieqa. Huwa għalhekk li dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-massima li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun inevitabbilment univoka. Ċjoe li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni waħda biss. U xejn ħliefha. Għax altrimenti, din it-tip t'evidenza tista' tiżvija lil-Ġudikant mir-riċerka tiegħu tal-verita.

16. Il-Liġi penali **ma teħtieġx** li biex persuna tiġi misjuba ħatja tkun trid tiġi stabbilita s-suffiċjenza probatorja taċ-ċertezza assoluta, u dan għaliex Qorti rari ħafna tista' tkun konfrontata b'dan il-livell ta' prova. Fil-Liġi Maltija, bħal dawk li jsegwu l-proċedura penali imnissla mis-sistema Anglo-Sassoni, huwa biżżejjed li Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi imresqa mill-Prosekuzzjoni, u li ma jkunux ġew newtralizzati fuq bażi ta' probabbilta' mid-Difiża, sabiex tkun tista' ssib ħtija.

17. Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli stabbiliti tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe l-*Law of Evidence*. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fuq il-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-

Qorti xorta waħda tista' tasal sa' dak il-grad ta' prova, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut, in kwantu f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar u tkun tista' ssib ħtija fl-akkużat. (Pagna 21-22)

**Ir-Repubblika ta' Malta vs George Xuereb** (Atta ta' Akkuza 2/2009) deciz fil-31 ta' Ottubru 2018 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) per S.T.O. Prim Imhallef Joseph Azzopardi flimkien mal-Onorevoli Imhallef Joseph Zammit Mckeon u l-Onorevoli Imhallef Edwina Grima:

**81.** Illi kif gie ritenut:

**"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."**

**82**. Dan ukoll ghaliex apparti dawn il-verzjonijiet konfliggenti l-gurati kellhom provi ohra indizzjarji u cirkostanzjali li setghu jindikaw illi verzjoni wahda kienet iktar verosimili minn ohra.

**83**. Illi guristi Inglizi bhal per ezempju Pollock C.B (Criminal Evidence (3rd Edition) [1995], Richard May (Sweet and Maxwell Criminal Practice) dahlu fl-interpretazzjoni tal-apprezzament tal-prova cirkostanzjali u t-tifsira tal-univocita`:

**"It has been said that circumstantial evidence is to be considered as a chain, and each piece of evidence as a link in the chain, but that is not**

**so, for then, if any one link broke, the chain would fall. It is more like the case of a rope comprised of several cords. One strand of cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be quite of sufficient strength. Thus it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere suspicion; but the whole taken together may create a conclusion of guilt with as much certainty as human affairs can require or admit of.” (pg. 44-45).**

**Ikkunsidrat:**

Ghalhekk huwa ċar mill-każistika hawn fuq imsemmija kif ukoll minn din il-kwotazzjoni suċċitata li biex wieħed jasal li jikkonkludi li l-provi ċirkostanzjali huma univoċi wieħed irid jara l-assjem ta’ dawn iċ-ċirkostanżi miġjuba bħala prova, u li dan il-konvinċiment morali huwa wieħed ibbażat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni taċ-ċertezza morali (u mhux dik assoluta). In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux neċessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlaħaq, iżda trid tkun l-unika waħda li tista twassal għall-ħtija b’mod raġonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem ieħor jekk jinħoloq dubbju dwar l-univoċita tal-provi ċirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wieħed raġonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bażi tan-nuqqas ta’ univoċita’[9].

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti fliet bir-reqqa l-filmati mressqa, minn liema jirrizulta s-segwenti:

[9] Appell Numru: 275/2013, Pulizija Vs Cyrus Engerer, ikkwotata aktar ‘l fuq.

Il-Qorti ghandha zewg filmati jigifieri l-Qorti biex tasal ghal konvinċiment morali o meno dwar jekk il-prosekuzzjoni ghandiex raġun jew le, f'dawn il-proceduri japplikaw xorta l-principji fil-kamp kriminali u cioe f'kaz ta' htija trid tintlahaq il-prova l'hemm minn kull dubju dettat mir-raguni. Il-Qorti trid tara l-filmati u tikkompara dawn iz-zewg filmati. Mill-filmat preżentat fuq Net News ghalkemm dan il-filmat huwa ta ftit sekondi l-espert tal-Qorti niżżel numru ta' stills.

Mela ghandek l-istill numru 60 juri numru ta' elementi. Juri l-ewwel haġa lill-persuna b'coat iswed, fartas, juri persuna fuq wara liebsa qalziet car minghajr ġlekk u juri l-glekk qieghed fuq il-mejda. Dawk huma tlett elementi li johorgu mir-ritratt immarkat numru 60. Jekk immorru issa ghar-ritratt immarkat numru 63 jirrizulta li fuq l-mejda li kien hemm bil-qeghda fuqha l-Prim Ministru u l-Ministru Jonathan Attard ghandek żewġt irġiel u mara li skond ix-xhieda tal-Ministru Jonathan Attard, il-mara hija s-segretarja personali tal-Prim Ministru u fuq in-naha l-ohra ghandek tlett irġiel. S'issa ghalhekk biex nikkonfermaw l-elementi ta' dak il-filmat ghandna r-ragel fartas bil-coat, ghandna r-ragel fuq wara bil-qalziet car, ghandna l-glekk fuq il-mejda u ghandna hawn hekk hames minn nies bil-qeghda u wahda minnhom mara.

Mir-ritratti mmarkat bhala 65 hemm element naqra differenti illi jidher gest partikolari minghand il-Ministru Jonathan Attard qisu qed jaghmel gest fuq il-mejda. Mela sabiex jirriżulta dak allegat mill-prosekuzzjoni, l-prosekuzzjoni trid tipprova dawn l-elementi, dawn il-hames jew sitt elementi. Il-filmat prezentat mill-espert fir-rapport tieghu, l-espert ippreżenta mill-bidu x'hin hargu l-Ministru u l-Prim Ministru, minn qabel minn filghodu sa x'hin eventwalment dawn is-sinjuri telqu minn hemm hekk.

L-unika mod kif dak il-footage hadu l-imputat jirrizulta hekk kif dawn l-elementi jissussistu kollha fl-istess hin.

Mill-istill numru 10 jirrizulta li l-imsemmija persuni jibdew jpoġġu bil-qeghda mal-mejda. Però ghalkemm jpoġġu bil-qeghda erbgha minn nies, is-segretarja tal-Prim Ministru jew ghal mod tal-kelma l-mara kienet ghadha ma poggietx bilqeghda, mela hemmhekk dak l-element kien nieqes.

Fl-istill numru 24, 25 u 26 il-mara tqum bil-wieqfa hdejn il-Prim Ministru. Fl-istill 25 u 26 tpoggi bil-qeghda hdejn il-Prim Ministru. Mela hawn hekk issa ghandna l-elementi li jirrizultaw fil-filmat muri min-Net News. Pero l-elementi l-ohra ghadhom neqsin. Mela l-element tar-ragel fartas, l-element tar-ragel b'qalziet car u l-element tal-gakketta fuq il-mejda u l-gest maghmul mill-Ministru Jonathan Attard f'dan l-istadju huma neqsin.

Mill-istills 31 u 32 jidher dak ir-ragel bil-qalziet ic-car illi l-ewwel darba li issa jidhol fix-xena, nehha l-gakketta u qieghed il-gakketta fuq il-mejda. Mela hawn hekk issa ghandna element iehor rikjest biex naghlqu l-istampa kollha.

Fil-fatt jekk inkomplu naraw 33 u 34 ghandna issa iktar car dan ir-ragel qed jistrieh quddiem il-mejda bil-gaketta fuq il-mejda.

Mir-ritratti mmarkati 38, 39 u 40 jidher Dr Jason Azzopardi li qieghed iktar il-gewwa quddiem il-bieb tal-awla prattikament. Jekk inharsu lejn Dr. Azzopardi miexi fl-istills 40 u 41 naraw lil Dr Azzopardi miexi lejn fejn kien dan il-persuna bil-coat, fartas, naraw lil Dr Azzopardi fil-41 kwazi wasal mal-koxxa tal-kantuniera b'xi haġa f'idejh probabilment il-mobile ghalkemm iktar il-quddiem jidher car. U dan ir-ragel qed jdur qed jiġi fil-pozizzjoni li jidher fil-filmat preżentat ta' Net News.

Pero issa x'hin naslu ghal l-istill mmarkat 42 qieghed fl-istess pożizzjoni eżatta dan ir-ragel fejn jidher fuq il-footage ta' Net News. Mela ghandek lil Dr Jason Azzoaprdi qed jżomm device f'idejh li jidher li huwa mobile, qed naraw lir-ragel fartas bil-coat qieghed eżatt eżatt metru, metru u xi haġa zghira quddiem Dr Jason Azzopardi, qed naraw lir-ragel bil-kalziet ic-car fuq wara, qed naraw il-gaketta fuq il-mejda u qed naraw fuq il-mejda fejn qieghed bilqeghda l-Prim Ministru hamsa minn nies bil-qeghda tlett irġiel fuq naha, u zewg irġiel u mara fuq in-naha l-ohra. Hawnhekk il-Qorti tara, kif jghaddi eżatt Dr Jason Azzopardi fir-ritratt 43, ir-ragel li liebes il-coat il-fartas kif jghaddi Dr Jason Azzopardi diġà qed jinqala' minn postu. Fir-ritratt immarkat 43 u 44 Dr Jason Azzopardi ghadu ghaddej issa kważi quddiem il-mejda fejn hemm bilqeghda il-Prim Ministru. Issa jidher ukoll l-gest li ghamel b'idejh il-Ministru Jonathan Attard fl-isfond kif jidher ukoll fir-ritratt immarkat bin-numru 65.

Jekk inharsu issa lejn ir-ritratt 45 Dr Jason Azzoaprdi qisu mexa, qabeż kważi jew qieghed in line mal-mejda, fir-ritratt 46 johrog mill-mejda. Fir-ritratt 46 ezatt kif hareg mill-istampa Dr Jason Azzopardi, ir-ragel fartas bil-glekk car ma ghadux fix-xena, dak ir-ragel li kien bil-qalziet car liebes il-coat u hareg minn go xena, iccaqlaq minn fuq il-post. Mela eżatt kif ghadda Dr Jason Azzopardi minn quddiem il-mejda, wiehed mill-elementi li jidher fuq il-filmat ta' Net News iċċaqlaq minn postu lanqas sekonda, u mal-ewwel wara iċċaqlaq it-tieni element.

Mir-ritratt immarkat bin-numru 51 jidher li issa il-Prim Ministru qam minn mal-mejda, fir-ritratt 52 u 53 jqum il-Ministru u jitilqu minn fuq il-post.

Fir-ritratt immarkat 54 jidher Dr Jason Azzopardi rega' ghaddej bil-kontra, però l-Ministru u l-Prim Ministru huma diġà bil-wieqfa u qeghdin jiċċaqalqu minn fuq il-post.

L-elementi tal-filmat li gie preżentat fuq Net News kienu preżenti biss onsite fix-xena ghal sekonda, tnejn, tlieta. F'dik is-sekonda, tnejn, tlieta l-unika bniedem li jghaddi minn hemm hekk huwa Dr Jason Azzopardi. Ma jghaddi hadd aktar hliefu f'dawn il-ftit sekondi.

Illi l-Qorti tinnota illi l-imputat waqaf mal-bieb ta' l-awla u ma baqax diehel f'dik l-awla, izda dawwar ir-rotta u rega' lura minn fejn gie din id-darba bil-mobile ma' widintu.

Illi l-Qorti tinnota wkoll illi l-angolatura ta' kif jidher il-filmat taqbel ma' angolatura ta' kif persuna zzomm mobile ma' widintha meta tkun se ccempel jew tirrispondi telefonata, kif jidher ukoll illi qed jaghmel Dr Azzopardi waqt illi ghadda minn magenb l-imsemmija mejda.

**Ikkunsidrat:**

Illi, abbraccjati l-principji fuq enuncjati, minn dan kollu jirrizulta ampjament illi l-filmat li gie muri fil-media ma setax ittiehed minn hadd aktar ghajr mill-imputat u dan ghaliex il-provi kollha jippuntaw inekwivokament lejh biss.

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 68 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 26(1)(h) tar-Regoli dwar il-Prattika u l-Procedura tal-Qrati u l-Bon Ordni u l-Artikolu 990 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat **DR. JASON AZZOPARDI HATI** tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu u qeghda tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' elf Ewro (€1,000).

Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car u semplici l-import ta' din is-sentenza.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tinghata lill-partijiet u li kopja tal-imsemmija sentenza titpogga fuq is-sistema online tal-Qrati minnufih.

Moghtija llum 04 t'April 2025 fil-bini tal-Qorti f'Malta.

Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.
Magistrat

Heidi Zammit
Deputat Registratur.